



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14487/23
ADD 1
LIMITE
PV CONS 49
JAI 1346
COMIX 476

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
19 u 20 ta' Ottubru 2023

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen

- a) **Barometru ta' Schengen**
- b) **Il-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera, speċjalment il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti**

13666/23

13901/23

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta fil-laqgħa tal-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (dokument 14607/23).

4. Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà

13707/23

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta fil-laqgħa tal-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (dokument 14607/23).

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

9. L-ażil u l-migrazzjoni: dimensjoni esterna¹²

13996/23

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni.

10. L-implikazzjonijiet tas-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani għas-sigurtà interna tal-UE¹³

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-implikazzjonijiet tas-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani għas-sigurtà interna tal-UE.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

² L-aġenziji tal-UE l-Frontex, l-Europol u l-EUAA kienu mistiedna għal dan il-punt.

11. **Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni online tal-minuri: sitwazzjoni attwali u l-passi li jmiss³** 13718/23
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni online tal-minorenni.

12. **Affarijiet oħra**
a) **Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 26-27 ta' Ottubru 2023)** 11958/23
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) **Interruzzjoni fil-Balticconnector u ħsara fil-kejbil tad-data** 14281/23
Informazzjoni mill-Estonja u l-Finlandja

Il-Kunsill ħa nota ta' aktar informazzjoni pprovduta mill-Finlandja u l-Estonja dwar investigazzjonijiet li għaddejjin wara l-inċidenti reċenti li affettwaw l-infrastruttura kritika taħt il-baħar tat-8 ta' Ottubru.

- c) **Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi dwar it-Tneħħija Umanitarja tal-Mini fl-Ukrajna (Zagreb, 11-12 ta' Ottubru 2023)** 14225/23
Informazzjoni mill-Kroazja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kroazja.

³ L-aġenzija tal-UE l-Europol kienet mistiedna għal dan il-punt.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 15. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: il-
ġlieda kontra l-impunità⁴** 13632/23
Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali u l-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza, il-Kummissjoni u l-Eurojust dwar il-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

- 16. Kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Amerka Latina fil-ġlieda
kontra l-kriminalità organizzata:⁵** 13680/23
a) **Summit UE-CELAC (Brussell, 17-18 ta' Lulju 2023):
segwitu**
b) **Programm ta' assistenza għall-Ewropa u l-Amerka
Latina kontra l-kriminalità organizzata
tranżnazzjonali (proġett futur "EL PAcCTO 2.0")**
Sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali u l-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-segwitu għas-summit UE-CELAC (Brussell, 17-18 ta' Lulju 2023) u dwar il-programm ta' assistenza għall-Ewropa u l-Amerka Latina kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali (il-proġett futur "EL PAcCTO 2.0").

- 17. Sforzi biex titjieb l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi
ġudizzjarji** 13684/23
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-isforzi biex jittejbu l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji.

⁴ L-aġenzija tal-UE l-Eurojust kienet mistiedna għal dan il-punt.

⁵ Ir-rappreżentant ta' "EL PAcCTO 2.0" kien mistieden għal dan il-punt.

18. **Konklużjonijiet dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali u d-drittijiet fundamentali** 13399/23 + COR 1
+ ADD 1

Approvazzjoni

Skambju ta' fehmiet⁶

Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali u d-drittijiet fundamentali u kellu skambju ta' fehmiet dwar il-kwistjoni bil-parteċipazzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali. Id-dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija, l-Ungerija u l-Polonja jinsabu fl-Anness.

19. **Affarijiet oħra**

- a) **Adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul** 13773/23

Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

- b) **Negożjati bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ftehim ta' evidenza elettronika**

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar in-negożjati bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ftehim ta' evidenza elettronika.

- c) **Forum Ministerjali UE-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Skopje, 26-27 ta' Ottubru 2023)** 11958/23

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-Forum Ministerjali bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni li ser isir fi Skopje fis-26 u s-27 ta' Ottubru 2023.

- d) **Komunikazzjoni dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata** 14114/23

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni tagħha dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata.

⁶ Id-Direttur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali kien mistieden għal dan il-punt.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 13958/23

<u>Dwar il-punt "B"</u>	Konklużjonijiet dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali u d-drittijiet fundamentali
<u>nru 18:</u>	<i>Approvazzjoni</i>
	<i>Skambju ta' fehmiet</i>

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Il-Bulgarija tagħti importanza kbira lis-suġġett tal-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali u għalhekk tixtieq tesprimi l-appoġġ tagħha għall-abbozz propost ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Għieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Għalhekk, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali msemmiha hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li l-pajjiż la jista' jaċċetta l-kunċett tal-ġeneru jew l-approċċ ibbażat fuq il-ġeneru tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u lanqas ma' jista' jaċċetta dokumenti oħra li għandhom l-għan li jagħmlu distinzjoni bejn "sess" bħala kategorija bijoloġika (nisa u rġiel) u "ġeneru" bħala kostruzzjoni soċjali. Barra minn hekk, aħna nemmnu bis-siġħ li meta jindirizza d-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu juża t-terminoloġija tal-Karta."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "distakk diġitali bejn il-ġeneri" bħala referenza għad-"distakk diġitali bejn in-nisa u l-irġiel" fil-punti 5 u 8 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali.

Il-qbil tal-Ungerija mal-adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali u mar-referenzi li saru fihom għal diversi strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Ewropa ma jistax jiġi interpretat bħala approvazzjoni ġenerali tal-azzjonijiet kollha mħabbra, it-terminoloġija użati kif ukoll ir-referenzi li saru f'dawk l-istrateġiji u pjanijiet ta' azzjoni, speċjalment meta dawn l-azzjonijiet, it-terminoloġija u r-referenzi huma konnotazzjonijiet diretti tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 u/jew tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 tal-Kummissjoni."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Il-Polonja taqbel li tadotta l-Konklużjonijiet dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali, filwaqt li tapprezza l-kontribut tal-Presidenza Spanjola għat-tħejjija tagħhom. Tabilħaqq, il-Polonja wkoll hija tal-fehma li d-drittijiet fundamentali huma l-pedament ta' kwalunkwe soċjetà demokratika u li l-protezzjoni tagħhom, kemm online kif ukoll offline, hija kruċjali għar-rispett għad-dinjità tal-bniedem.

Madankollu, filwaqt li tapprova d-direzzjoni tal-Konklużjonijiet, il-Polonja tiddubita xi wħud mid-dispożizzjonijiet li jippruvaw jintroduċu definizzjoni tar-reat ta' "diskors ta' mibegħda" u jużaw il-kunċett vag ta' "ġeneru".

Għandu jiġi nnutat li l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jirreferu espliċitament għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u ma jużawx it-terminu "ġeneru", iżda "sess" biss. It-terminu "ġeneru" ma għandux definizzjoni fil-liġi fundamentali tal-UE, u għalhekk għadu vag u jinftehem b'mod ambigwu fl-Istati Membri tal-UE. Din l-osservazzjoni tqajjem il-konklużjoni inekwivoka li mhux possibbli li użu ta' "ġeneru" li jiżgura uniformità fl-interpretazzjoni ma jkunx possibbli li jingħażel għalih jew li jkun distint. Dan ifisser li jista' jintuża biex jirreferi kemm għas-sess bijoloġiku, kif ukoll għall-hekk imsejjaħ sess soċjokulturali. Dan id-dubju jirriżulta fl-impossibbiltà li jiġu eliminati ċ-ċirkostanzi li fihom ikun possibbli li ssir diskriminazzjoni kontra ċerti gruppi soċjali abbażi tas-sess bijoloġiku tagħhom. Id-dritt ta' kull persuna għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni huwa dritt universali rikonoxxut kemm internazzjonalment kif ukoll fil-liġi Pollakka. Madankollu, il-kunċett ta' "ġeneru" għandu jiġi interpretat f'konformità mal-ordni u t-tradizzjoni kostituzzjonali Pollakki, peress li, skont l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, ir-Repubblika tal-Polonja tistinka biex tiżgura drittijiet uguali fil-ħajja tal-familja, politika, soċjali u ekonomika għan-nisa u l-irġiel. Il-Kostituzzjoni Pollakka ma fiha l-ebda referenza għall-frażi mhux definita "ġeneru". Il-prinċipju tar-rispett tal-identità nazzjonali tal-Istati Membri jipprevali f'każ bħal dan lejn interpretazzjoni konformi mal-prinċipji legali prevalenti. Il-Polonja għalhekk tirriżerva d-dritt li tinterpreta t-terminu "ġeneru" użat fit-test tal-abbozz bħala identiku għat-terminu mhux ambigwu u stabbilit sew "sess" (fis-sens ta' raġel u mara) fid-dritt tal-Unjoni Ewropea.

Huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut li d-"diskors ta' mibegħda" għadu mhuwiex parti mill-katalogu tal-Ewro reati skont l-Artikolu 83(1) TFUE. It-tifsira ta' "diskors ta' mibegħda" mhix ċara u tinftiehem b'mod differenti f'kull Stat Membru. Id-dispożizzjonijiet proposti fil-Konklużjonijiet, li jiddefinixxu "diskors ta' mibegħda" bħala "inċitament għall-vjolenza u l-mibegħda", li jistgħu jwasslu għal "vjolenza fiżika, stalking, intimidazzjoni, oġġettifikazzjoni, molestja, fastidju sesswali u diskriminazzjoni, inkluż reati ta' mibegħda", jistgħu għalhekk ikunu tentattiv biex tiġi evitata l-proċedura tat-trattat u fil-fatt ifittxu li jintroduċu definizzjoni ta' "diskors ta' mibegħda" fl-ordni ġuridiku tal-UE f'dokumenti mhux leġiżlattivi.

Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat ukoll li d-definizzjoni ta' "diskors ta' mibegħda" li tinsab fil-konklużjonijiet ma tista' tkun legalment vinkolanti fuq l-ebda Stat Membru. Barra minn hekk, ma tistax isservi bħala bażi għal interpretazzjoni jew raġunament minn kwalunkwe awtorità ġudizzjarja. Il-kunċett ambigwu ta' "diskors ta' mibegħda" użat f'dokumenti uffiċjali tal-UE jista' jipperikola l-libertà tal-espressjoni u, konsegwentement, jista' jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet u l-libertajiet li persuna tesprimi l-opinjoni tagħha."

Dwar il-punt "A" **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li testendi l-protezzjoni**
nru 5: **temporanja**
 Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"B'mod simili għal Stati Membri oħra u partikolarment dawk l-aktar esposti, ir-Repubblika Ċeka ilha tipprovdi, mill-bidu nett tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, assistenza bla preċedent lill-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra. Mill-15 ta' Ottubru 2023, minn madwar 600 000 (571 511) applikant irreġistrat, ir-Repubblika Ċeka għadha tospita aktar minn 360 000 beneficijarju ta' protezzjoni temporanja (sehem ta' 8.7 % tar-reġistrazzjonijiet attivi fl-UE) li jikkorrispondu għal 3 % tal-popolazzjoni tagħha. Bi 8 000 applikant addizzjonali rreġistrati ġodda kull xahar, ir-Repubblika Ċeka tibqa' l-aktar Stat Membru tal-UE affettwat per capita. Ir-Repubblika Ċeka timplimenta kif xieraq id-direttiva dwar il-protezzjoni temporanja u qablet mal-estensjoni tagħha sa Marzu 2025, anke minħabba li temmen bis-sħiħ li s-sitwazzjoni teħtieġ rispons Ewropew konġunt. Għaldaqstant, u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-EUCO tad-9 ta' Frar u t-30 ta' Ġunju 2023, ir-Repubblika Ċeka tistenna li l-Kummissjoni tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju adegwat u flessibbli sabiex tgħin ittaffi l-piż finanzjarju assoċjat fil-livell nazzjonali (Skont id-data tal-OECD, fl-2022 biss, ir-Repubblika Ċeka nefqet it-tielet l-ogħla ammont ta' EUR 1.96 biljun biex tkopri l-ispejjeż relatati mal-għajxien, l-edukazzjoni u s-saħħa)."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Mill-bidu nett tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, l-Istati Membri tal-UE qed jipprovdu l-assistenza meħtieġa lir-refuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra.

Skont id-data mtella' fuq il-Pjattaforma ta' Protezzjoni Temporanja (TPP) u mgħoddija permezz tan-Network tal-Blueprint mill-10 ta' Ottubru 2023, l-għadd stmat ta' reġistrazzjonijiet attivi fis-27 Stat Membru għadu enormi, jiġifieri 4 088 249. Wieħed mill-pajjiżi ewlenin li jirċievi beneficijarji ta' protezzjoni temporanja huwa l-Polonja li tospita 957 175 beneficijarju (23 % tar-reġistrazzjonijiet attivi fl-UE). Skont l-istimi tal-OECD, il-Polonja nefqet EUR 8.36 biljun fuq il-manteniment tar-refuġjati mill-Ukrajna fl-2022 biss (inkluż fuq l-edukazzjoni, il-benefiċċji soċjali, il-kura medika, l-akkomodazzjoni u oħrajn). Din hija l-ogħla ċifra fost il-pajjiżi membri kollha tal-OECD.

Il-Polonja ma għandha l-ebda dubju li l-Ukrajna u ċ-ċittadini tagħha jistħoqqilhom is-solidarjetà tagħna u għalhekk ma topponix l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja, iżda bħala l-pajjiż l-aktar mgħobbi bl-influss ta' refuġjati mill-Ukrajna, nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi finanzjament adegwat u flessibbli f'konformità mal-konklużjonijiet tal-EUCO tad-9 ta' Frar 2023. L-appoġġ eżistenti mill-baġit tal-UE ma jikkorrispondix mal-iskala tal-ħtiġijiet."